MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Numru. 972/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**MICHAEL (MICHAEL-ANTHONY) BUHAGIAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michael (Michael-Anthony) Buhagiar ta' 37 sena iben Anthony u Mary Buhagiar nee' Agius, imwieled nhar il-16 ta' Lulju 2013 gewwa l-Pieta', residenti gewwa 55, Triq Pawlu Ebejer, Dingli u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 375576M.

Akkuzata (recte Akkuzat) talli:-

1. Nhar il-16 t’ Awissu 2013 u/jew fil-granet ta’ qabel x’imkien f’dawn il-Gzejjer ikkommetta reat peress li ghamel uzu minn computer, b’mod mhux dovut billi ikkreja profil fuq Google+ skond it-termini tal-Artikoli 337C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda il-pudur jew il-moral b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku; *Kap 9 Art 209*

3. U aktar talli fl-isess data, hin, lok u cirkostanzi insultenta lil Susan Mercieca bi kliem;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi akkuzat li bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Susan Mercieca weggghaha bi kliem, gesti, jew b’xi mod iehor;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Susan Mercieca u l-membri tal-familja tiaghhom, ir-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SM4 u nnutat li l-imputat Michael (Michael-Anthony) Buhagiar m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 337C, 209, 339(1)(e) u 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Michael (Michael-Anthony) Buhagiar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Michael (Michael-Anthony) Buhagiar taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Michael (Michael-Anthony) Buhagiar b’obbligazzjoni personali ta’ elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ Susan Mercieca ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Michael (Michael-Anthony) Buhagiar l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------